# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

## (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)
## Tagħrif miġbur minn G. Zarb Adami

Kif inhu minn awl id-dinja, ma' tul l-għadd ta' snin li domt Segretarju tal-Akkademja għaddew minn idejja bosta karti, u qallibt oħrajn ta' qabel żmieni u ta' kull tant bħala interess personali, kont inżomm xi noti.

Billi kif inhu magħruf, (ara l-Laqgħa tal-10/3/1963) intilef il-Ktieb li fih kienu jinżammu l-Minuti tal-laqgħat ta' ma' tul l-ewwel snin tattwaqqif tal-Għaqda, deherli, li sabiex ma jintilfux, u biex xi ħadd ikun jista' jżid magħhom ħalli jimtela l-vojt kemm jista' jkun, li nibda nġib dawn il-ftit noti fi **IL-MALTI.**

Min ikollu xi tagħrif aktar, jew xi rqaqat oħra, nitolbu jiktibli u jgħarrafni, biex jiena nżid dejjem, u hekk fl-aħħar inkunu nistgħu nagħarfu aħjar min kienu l-ewwel nies li waqqfu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti; min baqa' fiha u min ħareġ għax ma qabelx mal-prinċipji tagħha — x'aktarx ma' l-Ortografija —; min għadu ħaj u min miet; min kien biss aderenti mal-ħsieb tal-Għaqda u min sar Membru Akkademiku, u meta ġie maħtur; jekk għadux ħaj, u jekk miet, meta; kif ukoll l-indirizz tad-dar ta' l-individwu li jkun.

Milli jidher fl-1922 saret talba lill-aderenti biex igħidu jekk ridux jibqgħu fi ħdan il-Għaqda u jistqarru li jaqblu ma' l-Ortografija tagħha; kien hemm min ma qabelx u telaq; oħrajn qablu, iżda billi kienu ilhom snin kbar jiktbu b'ortografija differenti sabuha bi tqila jaqilbu għal dik tal-Għaqda; imma baqgħu Membri; min qabel għal kollox, iżda f'ċerti okkażżjonijiet żamm pass lura.

Ma jistax jonqos li f'dan il-ftit tagħrif li ġbart minn hawn u minn hemm ma jkunx fih xi ineżattezzi; għalhekk nilqa' bil-ferħ kull xorta ta' tagħrif ieħor dwar l-Akkademja u b'mod speċjali, l-ewwel snin tagħha — anki dak li fil-fehma ta' min jiktibli ma jkunx importanti, għaliex żgur iservi biex jimla l-vojt jew juri b'reqqa akbar kif kienu l-affarijiet minn ħamsin sa tletin sena ilu· Bil-quddiem irrodd il-ħajr lil dawk kollha li jgħinu.

Godfrey Zarb Adami,
18, Triq Kristofru,
Valletta.

N.B. Il-Minuti li jeżistu jibdew mit-18 ta' Ġunju, 1940, għalhekk jonqsu dawk ta' l-ewwel għoxrin sena. Jekk dawn qiegħdin f'idejn xi ħadd hu dmir sagrosant tiegħu li jroddhom lura lill-Akkademja.

## KIF BDIET u MXIET L-AKKADEMJA tal-MALTI

### (L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

Fil-21 ta' Settembru, 1920, saret sejħa fi "IL-HABIB" minn X.C., jiġifieri minn Franġisk Saver Caruana — li wara laħaq l-ewwel Segretarju, u li m'ilux wisq miet — biex jingħaqdu flimkien dawk li kienu jiktbu bil-Malti, b'xejra letterarja, bl-iskop li jsir studju dwar l-ortografija u jissawwar alfabet li kulħadd jibda jużah. Għal dik is-sejħa wieġbu bosta kittieba.

Harġet ċirkolari fid-9 ta' Novembru, 1920, li sejħet Laqgħa Ġenerali fl-"UNIONE CATTOLICA SAN GIUSEPPE" tal-belt Valletta għal l-14 ta' l-istess xahar. Il-laqgħa saret u għaliha marru 36 kittieb; ħafna oħra **aderenti** ma' dak il-ħsieb bagħtu jgħarrfu l-fehma tagħhom permezz ta' ittra.

F'dik il-laqgħa nħatru l-Kav. Ġuże' Muscat-Azzopardi bħala President u s-Sur F. S. Caruana bħala Segretarju, kif ukoll Kummissjoni magħmula mill-Kav. Muscat-Azzopardi, is-Sur P. F. Bellanti, Mons. Pawl Galea, is-Sur Ninu Cremona, Mons. Dun Karm Psaila għal Malta, u s-Sur Ġanni Vassallo, l-Avukat Ġuże' Micallef u Mons. Pawlu Cauchi għal Għawdex biex tistħarreġ il-kustjoni tal-ortografija, issawwar alfabet, u regoli grammatikali u bla telf ta' żmien kemm jista' jkun tressaq rapport.

Il-Kummissjoni ltaqgħet 17-il darba u ħejjiet l-abbozz mitlub minnha. Iżda billi l-alfabet kellu jkun il-bażi ta' kull ftehim, inqata' li l-ewwel pass kellu jkun li jitressaq l-alfabet suġġerit quddiem laqgħa ġenerali, li saret fit-18 ta' Diċembru, 1921.

L-Għaqda, sabiex isseħħ, kienet teħtieġ Statut li tressaq u għadda fil-laqgħa li ssejħet għas-7 ta' Mejju, 1922; f'dik l-istess laqgħa nħatar l-ewwel Kumitat li kien magħmul hekk:

President Onorarju — Professur (wara Sir) Temi Zammit, C.M.G, M.D., D. LITT. (Oxon.)
President — Kav. Ġuże' Muscat-Azzopardi, B.M.
Viċi President — Senatur Mons. Pawl Galea, J.C.D.
Segretarju — Sur F. S. Caruana.
Kaxxier — Sur Arturo Mifsud M.L.A.
Membri — Mons. Dun Karm Psaila (D. Litt.)
Sur Ninu Cremona (D. Litt)
Sur Ġuże' Darmanin Demajo, P. L.
Sur Rogantin Cachia
Sur Ġuże' Micallef Goggi
Sur Vinċenz Mifsud Bonnici

Kien ikun interessanti ħafna kieku kellna f'idejna dan l-ewwel Sta-

tut billi fil-laqgħa tal-kumitat tat-18 ta' Diċembru, 1927, u wara fil-Laqgħa Ġenerali tal-15 ta' Jannar, 1928, tressaq u għadda Statut ieħor li kien fih xi tibdil żgħir minn dak ta' qablu u li kien jibda hekk: Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti magħmula f'Xirka waħda ma' l-Akkademja tal-Lsien Malti — kliem li donnu jagħtik x'tifhem li fl-istess żmien kienu jeżistu żewġ xirkiet u li wara ngħaqdu flimkien; kien hekk jew le? Fl-1920 niltaqgħu max-**Xirka Filoloġika u Letterarja** li l-ħsieb tagħha kien:

1. Alfabet Malti fuq sisien xjentifiċi;
2. Tiġbor flimkien il-Kittieba;
3. Tnissel letteratura.

Tgħid din kienet l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti, xi xirka oħra, jew dan kien l-ewwel isem tal-Għaqda?

1. Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, imdaħħla u mgħaqqda f'xirka waħda ma' l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti, tibqa' tingħaraf bl-isem ta' IL-GĦAQDA tal-KITTIEBA tal-MALTI.
2. Il-ħsieb u l-fehma tal-Għaqda jibqgħu:
   a) li taħdem u żżomm l-ortografija magħżula minnha fil-kitba maltija;
   b) li taqbeż għall-jedd li għandu l-ilsien Malti u turi ġmielu u ħtiġietu;
   c) li xxerred kemm tista' kotba miktubin skond il-fehma tagħha, kemm-il-darba dawn ma jkunux ta' ħsara lir-Reliġjon tagħna.
3. Il-Għaqda tkun magħmula minn:
   a) Imseħbin Akkademiċi
   b) Imseħbin Extra Akkademiċi
   c) Imseħbin Onorarji jew Korrispondenti
4. a) Biex tkun Akkademiku tal-Għaqda trid tkun magħruf bħala kittieb tal-Malti u tkun imgħoddi bħala hekk mill-Kunsill.
   b) L-Imseħbin kollha tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li ma jidħlux taħt (a) ta' dan l-artiklu jibqgħu magħrufa bl-isem ta' Extra Akkademiċi.
   c) Ikunu Onorarji jew Korrispondenti nies Maltin jew barranin qegħdin Malta jew barra minn Malta li jkunu jistgħu, b'xi mod jew ieħor, igħinu lill-Għaqda.
5. Il-ħlas għal kulħadd ikun il-ħlas tar-Rivista.
6. Il-Kunsill jew Kumitat ikun magħmul minn President, Viċi President, Segretarju, u Kaxxier, u għaxar Membri oħra.
7. Il-Kunsill jew Kumitat imexxi l-Għaqda hu, u jiġi maħtur kull sentejn mill-Imseħbin f'laqgħa msejħa għalhekk.
   Kull kustjoni ta' teknika tiġi maqtugħa minn Kummissjoni li l-Kunsill jaħtar għalhekk minn fost l-Imseħbin Akkademiċi.
8. Sitta minn fost l-Imseħbin jistgħu jitolbu laqgħa ta' l-Imseħbin

billi jiktbu lis-Segretarju fejn juruh il-għala jkunu jriduha.

9. Il-**quorum** tal-laqgħat tal-Kunsill ikun ta' 7.
10. Il-**quorum** tal-laqgħat tal-Imseħbin ikun ta' 12.
11. Il-laqgħat tal-Kunsill isiru kull meta jidhirlu l-President.
Tliet Membri tal-Kunsill jistgħu jseiħu laqgħa tal-Kunsill.
12. Jista' jitbiddel jew jiżdied artikolu f'dan l-Istatut bil-voti ta' tnejn minn kull tlieta ta' min ikun ħa sehem f'dik il-laqgħa.
13. Il-Għaqda toħroġ Rivista mmexxija minn Direttur, Ass. Direttur u Amministratur li jiġu maħturin kull sentejn mill-Kunsill.
L-Imseħbin kollha tal-Għaqda għandhom ikunu mseħbin fir-Rivista.

L-ewwel Kumitat skond dan l-Istatut ġie maħtur fil-laqgħa ta' l-Imseħbin tad-9 ta' Ġunju, 1928. u kien hekk:

President — Mons. Dun Karm Psaila.
Viċi President — Sur Turu Mifsud.
Segretarju u Kaxxier — Sur F. S. Caruana.
Membri — Sinjuri Ġ. Darmanin Demajo, V. Mifsud Bonnici, G. Vassallo, Kan. G. M. Farrugia, Ġuże' Galea, Ninu Cremona, G. Micallef, A. M. Borg, Ġ. Porsella Flores, R. Briffa.

Hawn ta' min jinnota li l-Kavallier Ġuże'-Muscat Azzopardi kien miet fl-4 ta' Awissu, 1927, u li kien baqa' dejjem President sakemm miet. Inżidu wkoll li fit-13 ta' Marzu, 1923, wara, milli jidher, talba lill-aderenti biex igħidu jekk kienux beħsiebhom jibgħu Membri u jistqarru jekk jaqblux ma' l-Ortografija tal-Għaqda, saret ħatra ta' Kumitat ġdid li fih żdidu 3 Viċi Presidenti, jiġifieri baqa' s-Senatur Mons. Pawl Galea u miegħu daħlu l-Avukat A. V. Laferla, l-Avukat L. F. Mizzi u s-Sur Arturu Mifsud, M.L.A.. Il-bqija tal-Kumitat baqa' kif kien qabel barra li s-Sur Darmanin Demajo sar Kaxxier u s-Sur Gimo Muscat Azzopardi daħal minn floku.

Naturalment, minn żmien għal ieħor bdew isiru laqgħat ġenerali li fihom kien jinħatar Kunsill ġdid. La sibt jekk kienx inħatar wieħed fl-1925 u lanqas wara l-1930; iżda fil-lista pubblikata fi "IL-MALTI" ta' Diċembru, 1937, insibu lil Dr. A. V. Laferla, O.B.E. imniżżel bħala President Onorarju u lill-Mons. P. Galea, J.C.D. bħala Viċi President Onorarju, postijiet jew karigi li l-Istatut tal-1928 ma jsemmix.

**(jissokta)**